MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2008

Numru 96/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**Adel Dawah**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Adel Dawah, 39 sena, bin Mahmoud u Aida nee’ Xnieni, imwieled Syria fit-12 ta’ Ottubru, 1969 u li joqghod 14, Pjazza San Leonardo, Mosta detentur ta’ karta ta’ identita’ nru. 528895M gie akkuzat talli b’ diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b’ resoluzzjoni wahda u cioe’ talli:

Fil-21 ta' Jannar 2008 ghall-habta tat-7.50 ta' filghaxija fil-Furjana, kkometta serq
ta' apparat cellulari tal-marka 'Nokia' minn fuq il-persuna ta' Ahmed Ragab Shaafi, liema serq kien kwalifikat bil-vjolenza u bil-hin;

Fl-istess data u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghtu s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Ahmed Ragab Shaafi kontra l-volonta' tieghu;

Fl-istess data u cirkostanzi, uza vjolenza sabiex geghel lill-imsemmi Ahmed Ragab Shaafi jaghmel, ihalli jsir jew naqas milli ghamel xi haga u kkagunalu feriti ta' natura hafifa;

Fl-istess data u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, sew jekk sar f' Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b' kull mod li kine, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.  Liema serq kien aggravat vjolenza u bil-hin;

Fit-28 ta' Jannar 2008 ghall-habta tas-7.30 ta' filghaxija fil-Furjana, kkometta serq ta' apparat 'Nokia' minn fuq il-persuna ta' l-istess Ahmed Ragab Shaafi, liema serq kien ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin;

Fl-istess data u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li arresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Ahmed Ragab Shaafi kontra l-volonta' tieghu;

Fl-istess data u cirkostanzi, uza vjolenza sabiex geghel lill-imsemmi Ahmed Ragab Shaafi jaghmel, halli jsir, jew naqas milli ghamel xi haga u kkagunalu feriti ta' natura hafifa;

Fl-istess data u cirkostanzi, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat sew jekk sar f' Malta jew barra minn Malta, jew,

xjentement, b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.  Liema serq kien ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-hin;

Fit-3 ta’ Frar, 2008 ghall-habta ta’ l-4.00 ta’ wara nofsinhar fil-Furjana, uza vjolenza sabiex geghel lill-imsemmi Ahmed Ragab Shaafi ghamel, halla jsir, jew naqas milli ghamel xi haga u kkagunalu feriti ta’ natura hafifa;

Fl-istess data u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharaq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamel hsara fuq il-gakketta ta’ l-istess Ahmed Ragab Shaafi, liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda ma tiskorrix il-mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

Fl-istess dati u cirkostanzi, u fil-granet ta’ qabel dawn id-dati, f’ dawn il-Gzejjer kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu sikkina bix-xafra u bil-ponta minghajr  licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Fl-istess dati u cirkostanzi, fil-hin li ghamel dawn id-delitti kontra l-persuna, kellu fil-pussess tieghu arma regolari u/jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

Finalment talli sar recidiv ai termini ta’ l-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur Spettur Carmelo Magri iddikjara li in kwantu ghar-raba’ akkuza u t-tmien akkuza li jirrigwardaw ir-ricettazzjoni, dawn l-akkuzi nghataw bhala akkuzi alternattivi ghall-akkuzi li jirrigwardaw serq u ghaldaqstant talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-imsemmija raba’ akkuza u tmien akkuza.

Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li t-tnax –il akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-hdax –il akkuza u ghaldaqstant talab il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-imsemmija tnax –il akkuza.

Innutat ukoll li fis-seduta tallum l-imputat ammetta l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv ir-raba’ akkuza, it-tmien akkuza u t-tnax –il akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta’ l-ammissjoni tieghi u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv ir-raba’ akkuza, it-tmien akkuza u t-tnax –il akkuza.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-verbal tas-seduta tallum li l-imputat irritorna wiehed mill-mobiles illi seraq lil-propjetarju tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 261(a) u (f), 262(a) u (b), 270, 274(d), 275, 281(a), 86, 251, 221, 325(c), 49, 50 u 289(1) tal-Kap. 9 u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Adel Dawah, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv ir-raba’ akkuza, it-tmien akkuza u t-tnax –il akkuza u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi minn naha wahda l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-verbal tas-seduta tallum li l-imputat irritorna wiehed mill-mobiles illi seraq lill-propjetarju tieghu u minn naha l-ohra il-fedina penali xejn felici ta’ l-imputat, tikkundanna lill-imputat Adel Dawah ghall-piena komplessiva ta’ tmintax (18) –il xahar prigunerija u mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (Eur 232.94) multa ekwivalenti ghall-mitt liri Maltin (Lm100).

Inkwantu ghar-raba’ akkuza, it-tmien akkuza u t-tnax –il akkuza fid-dawl ta’ dak mitlub u dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-verbal tas-Seduta tallum rigward dawn l-akkuzi kif riportat aktar qabel f’ din is-sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ l-imsemmija raba’ akkuza, tmien akkuza, u t-tnax –il akkuza.

Il-Qorti bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Adel Dawah b’ obbligazzjoni personali ta’ mitejn u tnejn u tletin Ewro u erba’ u disghin centezmu (Eur 232.94) ekwivalenti ghall-mitt Liri Maltin (Lm 100) li jzomm il-kwiet ma’ Ahmed Ragab Shaafi ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti tordna a tenur ta’ l-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li kopja ta’ din is-sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------